MALTA

ATT Nru. XI ta' l-1985

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1980 dwar il-Qorti tal-Minorenni.

ACT No. XI of 1985

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Juvenile Court Act, 1980.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

CARMELO SCHEMBRI
Aġent President

10 ta' Lulju, 1985

ATT Nru. XI ta' l-1985

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1980 dwar il-Qorti tal-Minorenni.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati imlaqqgħa f'dan il-Parlament u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1985 li jemenda l-Att dwar il-Qorti tal-Minorenni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1980 dwar il-Qorti tal-Minorenni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

2. Minflok l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Il-Qorti tal-Minorenni hija magħmula minn Maġistrat.

(2) Fil-proċedimenti quddiemha, il-Qorti tal-Minorenni tkun assistita minn żewġ persuni, li waħda minnhom tkun mara, maħturin taħt dan l-artikolu, li l-Qorti tista' tikkonsulta f'kull każ għad-deċiżjoni tagħha.

(3) Dik il-konsultazzjoni għandha ssir fil-Qorti bil-miftuħ, u l-Qorti ma tkunx marbuta li toqgħod għall-fehma ta' l-assistenti,

(4) Iż-żewġ assistenti jkunu maħturin mill-President, li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru, minn fost persuni li fil-fehma tal-Prim Ministru jkollhom esperjenza minn qabel u kwalifiki speċjali biex jittrattaw il-problemi ta' minorenni.

(5) Il-President jista', f'kull żmien, jaħtar iktar minn żewġ persuni bħala assistenti tal-Qorti tal-Minorenni iżda tnejn biss minn dawn jistgħu jassistu lill-Qorti f'kull każ wieħed.

(6) Il-kariga ta' assistent tal-Qorti tal-Minorenni tkun vakanti —

(a) meta jgħaddu ħames snin mid-data tal-ħatra tiegħu jew qabel kif jista' jiġi speċifikat fl-ittra tal-ħatra tiegħu; jew

(b) jekk jitneħħa mill-kariga bl-istess mod u għall-istess raġunijiet kif Maġistrat jitneħħa mill-kariga tiegħu.

(7) Persuna maħtura bħala assistent tal-Qorti tal-Minorenni għandha, mal-bidu ta' l-ewwel seduta tal-Qorti wara li tkun ħadet il-ħatra tagħha, tieħu ġurament fil-qorti bil-miftuħ li taqdi l-funzjonijiet tagħha bl-onestà u b'imparzjalità u skond dan l-Att.

(8) L-assistenti tal-Qorti tal-Minorenni jistgħu jastjenu jew jiġu rikużati għall-istess raġunijiet u fuq l-istess bażi kif, skond il-liġi, Maġistrat jista' jastjeni jew jista' jiġi rikużat. Kull kwistjoni dwar xi każ ta' astensjoni jew rikuża għandha tkun deċiża mill-Maġistrat.".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

3. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "miċ-*Chairman*" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Qorti".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "tiddeċiedi l-każ:" għandhom jidħlu l-kliem "tiddeċiedi l-każ; jekk, iżda, l-Qorti tal-Minorenni jidhrilha xort'oħra, għandha taġġorna l-każ u tirreferih lill-Qorti kompetenti tal-Pulizija Ġudizzjarja li għandha tieħu konjizzjoni tal-każ bħallikieku l-proċedimenti kienu nbdew quddiem l-imsemmija Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja."; u

(b) il-proviso li hemm għalih għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

5. Fl-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "il-membri u l-uffiċjali" għandhom jidħlu l-kliem "l-uffiċjali".

6. Minflok l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' **l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali**

"12. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jippreskrivi r-rimunerazzjoni li għandha titħallas lill-assistenti tal-Qorti tal-Minorenni.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 264 tat-3 ta' Lulju, 1985.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati